MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1000/2004/1

**Bank of Valletta p.l.c.**
**v.**
**Norman u Marie Therese mizzewgin Zammit**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikors ipprezentat fis-27 ta' Dicembru, 2004 il-bank rikorrent ippremetta:

Illi b'sentenza tal-Qorti moghtija fil-15 ta' Marzu 1999, fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. v Norman u Marie Therese mizzewgin Zammit" (Citazz. Numru 2486/98 RCP) (Dok

“A” anness mar-rikors), il-bank rikorrent kien gie kanonizzat kreditur ta’ l-intimati Norman u Marie Therese mizzewgin Zammit fis-somma ta’ tmien mija u sitta u erbghin elf, disa’ mija u tlieta u tletin Liri Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm846,933.47) kwantu ghal tmien mija u tmienja u ghoxrin elf, seba’ mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm828,771.98) sorte u kwantu ghal tmintax-il elf, mija u wiehed u sittin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm18,161.49) spejjez tal-kawza skond taxxa annessa mar-rikors u mmarkata mmarkata Dok. “B”, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 1998 sal-jum tal-pagament effettiv, u minn liema sentenza kien intalab appell, liema appell kien gie dikjarat dezert fis-7 ta’ Mejju, 1999; illi kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija kienet setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenuti kien ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, il-bank rikorrent talab lill-Qorti joghgobha tawtorizzah jezegwixxi s-sentenza moghtija fil-15 ta’ Marzu 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta’ tmien mija u tmienja u ghoxrin elf, seba’ mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm828,771.98) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 1998 sad-data ta’ l-effeffiv pagament kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ammontanti s-somma ta’ tmintax-il elf, mija u wiehed u sittin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm18,161.49) (Dok. “B”).

B’risposta pprezentata fil-15 ta’ Frar, 2005 l-intimati eccepew:
Illi t-talba tal-Bank rikorrenti kienet intempestiva peress li d-debitur principali Eliza Company Limited kienet qieghda thallas id-dejn permezz ta’ akkonti skond il-bejgh ta’ l-immobbli li hija kien irnexxielha tirrealizza.

Illi inoltre, it-talba tal-Bank rikorrent kienet kontestata ghal diversi ragunijiet:

1. Illi skond l-Artikolu 258 tal-Kap 12, minbarra t-talba maghmula b’rikors quddiem il-qorti kompetenti, il-

bank rikorrent kellu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-ezekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut. Izda l-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. kien semplicement ikkonferma bil-gurament l-istess rikors kontententi t-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti “joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza”. Ix-xorta tad-dejn jew tat-talba ma kienx gie deskritt u ma kienu gew ipprezentati l-ebda Bank Statements in sostenn tat-talba u bhala deskrizzjoni tad-dejn jew tat-talba. Huwa kien semplicement irrefera ghas-sentenza u semma l-ammonti (i) tas-sorte (minghajr ma qal kif hi kornposta s-sorte), (ii) ta’ l-ispejjez tal-kawza.

2. Illi l-P.L. Joseph Zammit nomine kien qal biss illi d-debitu ta’ l-intimati kien ghadu ma thallasx minghajr ma kien qal jekk thallsitx xi parti minnu jew le.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-Bank rikorrent ma kellhomx jigu milqugha. Bl-ispejjez.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Marzu, 2006 meta kkonkludiet hekk:
“*Ghal dawn il-motivi tichad is-sottomissjonijiet fir-risposta ta’ l-intimati, tilqa’ t-talba ta’ Bank of Valletta p.l.c. u tawtorizzah jezegwixxi s-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-15 ta’ Marzu 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex jottjeni l-pagament ta’ tmien mija u tmienja u ghoxrin elf, seba’ mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm828,771.98) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru, 1998 sad-data ta’ l-effeffiv pagament kif ukoll l-ispejjez tal-kawza ammontanti s-somma ta’ tmintax-il elf, mija u wiehed u sittin Liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm 18,161.49).*

*“Spejjez ta’ dan ir-rikors kontra l-intimati.*”

U dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“PROVI:

“Rat is-sentenza tal-15 ta’ Marzu, 1999 esebita a fol 2 sa fol 4 tal-process.

Xehed il-P.L. Joseph Zammit li qal li ghandu rapprezentanza legali tal-Bank of Valletta u dwar il-kaz qal li d-dejn johrog minn kuntratt, ezekuzzjoni ta’ sentenza. Id-dejn johrog b’rizultat ta’ sentenza tal-Qorti tal-15 ta’ Marzu 1999 mill-Qorti presjeduta mill-Imhallef Raymond Pace. Id-dejn imsemmi fis-sentenza huwa ta’ Lm828,771.98 li zdied bl-imghaxijiet. Kompla jghid li saru xi pagamenti u esebixxa prospett. Sa Dicembru 2004 l-ammont pendenti kien ta’ Lm726,638.33. Kien hemm imghaxijiet ta’ Lm23,326.11 u ghalhekk il-pozizzjoni fis-7 ta’ Dicembru kienet li l-ammont dovut kienu dawn iz-zewg ammonti jintghaddu f’daqqa. B’referenza ghar-risposta moghtija mill-intimati u cioe` li Eliza Company Limited qeghda thallas id-dejn permezz ta’ akkonti qal li fil-fatt il-pagamenti li saru minn din il-kumpanija jidhru fi statement li kien esebixxa.

“Xehed Joe Borg Cardona Manager fil-Legal Office tal-Bank of Valletta. Ikkonferma li l-bilanc dovut fid-data msemmija huwa korrett kif indikat fil-process a fol 21 tieghu u cioe` li fis-7 ta’ Mejju 2005 l-ammont dovut mill-intimati kien Lm771,013.195 minhabba l-fatt li kien ghamel diversi hlasijiet akkont ta’ l-imghaxijiet li kienu qeghdin jawmentaw minhabba n-nuqqas ta’ hlas. Hu ma gie nfurmat b’ebda arrangament li hemm dwar pagamenti li ghandhom isiru sal-ahhar tas-sena.

“Xehed Ray Aquilina Relationship Manager fir-Recoveries Department tal-Bank of Valletta li rriproduca l-istess dokumenti u ammont li kien issemma mill-P.L. Joseph Zammit. Semma li ma kull depozitu li jsir l-ewwel jinqatghu l-imghaxijiet li jkunu ghaddew u mbaghad li jkun baqa’ jinqatghu mill-kapital. Semma li r-rata ta’ imghaxijiet hija ta’ simple interest ta’ 8%.

“Illi fid-9 ta’ Frar 2006 l-intimati Zammit sostnew li l-pozizzjoni taghhom hija ta’ sussidjarjeta` minhabba li d-debitu principali hija Eliza Company Limited u ghalhekk

sostnew li fin-nuqqas ta’ pagament is-socjeta` attrici ghandha tezegwixxi kontra Eliza Company Limited billi ggib il-proprjeta` taghha ghall-bejgh bis-subasta qabel ma jkun jista’ jezegwixxi kontra l-intimati qua garanti sussidjarji. Kawza ta’ hekk talbu li jipproducu bhala xhieda lir-Registratur tal-Qorti u ghal dan is-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. oggezzjonat u sosniet li dawn kienu kollha manuvri biex jittawwlu l-proceduri u tigi stultifikata l-ezekuzzjoni ta’ sentenza tal-1999.

“Il-Qorti thoss li wara s-sentenza tal-15 ta’ Marzu 1999 l-intimati ma humiex garanti izda konvenuti kundannati biex ihallsu s-somma indikata. L-asserzjoni ta’ l-intimati m’ghandha ebda fundament guridiku u kieku stess kellha drittijiet dawn kellhom jigu istitwiti taht dak li hemm provvdut fil-Kap 12 art 283A.”

**L-appell tal-konvenuti.**

L-intimati hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fil-11 ta’ April, 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell, tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u tilqa’ s-sottomissjonijiet fir-risposta taghhom, bl-ispejjez kontra l-appellati.

Il-bank appellat ressaq risposta ghar-rikors tal-konvenuti fejn issottometta li l-appell ta’ l-intimati huwa kompletament bla bazi u ghandu jigi rigettat ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellanti.

**Ikkunsidrat:**

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

L-intimati appellanti ressqu erba’ aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn jikkonsistu fis-segwenti:

1) Illi s-self kien moghti lis-socjeta` Eliza Company Limited li kienet iggarantit ir-restituzzjoni bi proprjeta`

taghha u l-intimati kienu biss garanti. Ghalhekk il-bank kellu jipprocedi kontra l-istess socjeta` u biss, *in subsidium*, kontra l-intimati. Dan l-aggravju ma jaghmilx sens f'dawn il-proceduri billi dawn il-proceduri jittrattaw talba ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat. Eccezzjoni simili kellha tinghata fi stadju tal-proceduri li gew determinati bis-sentenza tal-15 ta' Marzu, 1999 u mhux f'dawn il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz u sabiex tigi skjarita l-posizzjoni ghandu jinghad ukoll li eccezzjoni ta' *eskussjoni* ma tistax tinghata minn garanti solidali. Dan qed jinghad biss b'risposta ghal dak li gie sottomess fir-rikors ta' l-appell. Dan l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat.

2) Illi l-*liability* ta' l-appellanti kien f'ammont anqas minn dak li intalab mil-Bank. Hawn ukoll din il-Qorti tirrileva li din l-eccezzjoni mhux ammissibbli f'dawn il-proceduri billi kienet, se mai, tkun rilevanti fil-proceduri determinati bis-sentenza tal-15 ta' Marzu, 1999. Jerga' jinghad li llum hemm titolu ezekuttiv kontra l-appellanti u dan huwa t-titolu li l-istess bank qed jitlob li jirrendi ezekuttiv – kull kwistjoni ohra hija totalment irrilevanti. Dan l-aggravju ghalhekk ukoll qed jigi skartat.

3) Illi l-Bank kreditur naqas li jibghat perjodikament statements dwar l-imghax akkumulat. F'dan ir-rigward jirrizulta li l-Bank rikorrent kull ma qed jitlob hu li jezegwixxi s-sentenza fuq imsemmija u xejn aktar u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jaghmel dak li dwaru qed jilmentaw l-intmati. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

4) Finalment l-intimati appellanti qed jissottomettu li t-talba ghall-imghax ulterjuri hija zejda billi taggrava lid-debitur bi spejjez zejda meta gja kien hemm tali kundanna ghall-imghaxijiet. Dan l-aggravju wkoll ma jaghmilx sens billi kull ma gie mitlub fir-rikors promotur huwa li l-Bank kreditur jezegwixxi proprju dak gie kanonizzat favur tieghu bis-sentenza originali u xejn aktar. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi skartat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell ta’ l-intimati qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha u billi jirrizulta li dan l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju tikkundanna lill-appellanti jhallsu l-ispejjez ghal darbtejn skond ma jipprovdi l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------